MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2009

Numru. 373/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**Versus**

**Charles Muscat**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Charles Muscat ta’ 18-il sena, bin Raymond u Silvia nee Baldacchino, imwieled tal-Pieta’ fit-22 ta’ Fra 1986 u residenti ġewwa 24 Graceland, Triq Alessio Xuereb, San Ġwann detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 111886(M)

2. Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-13 ta’ Novembru 2004 u fis-sitt xhur ta’ qabel ġewwa Pacev ille u bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

3. Kellu fil-pusess tiegħu mediċina ristreta u psikotropika (ecstasy) met ma kienx awtorizzat kif imiss ni ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dswar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (KAp 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16 tal-1985 kif emendat **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrija tal-imputat (fol.2), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1118 tas-sena 1986, il-fedina penali a fol.4, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali (fol.5), in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel analiżi tas-sustanza ppreżentata (fol 6), id-dikjarazzjoni maħgmula mid-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lill-WPC 12 bħala xhud tal-istqarrija (fol.10), ir-rapport tal-espert a fol 13, u d-dokument ippreżentat mill-imputat a fol 48.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

7.. L-imputat kien arrestat fit-13 ta' Novembru 2004 waqt li kien f'party fejn instab fil-pussess ta' 18-il pillola allegatament ecstasy. Dawn kienu fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBD 558 u kienu fuq il-gear lever tal-istess vettura.

8. Fl-istqarrija tiegħu kkonferma li t-18-il pillola li nstabu kienu tiegħu u li kien xtrahom Lm2.50 kull waħda. L-aħaħr li kien għamel użu mill-ecstasy kien f'Awwissu tas-sena 2004.

9. L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li s-sustanza kienet ecstasy u li kien hemm 18-il pillola. (fol.16).

10. PC Trevor Cassar Mallia kkonferma li kien eleva t-18-il pillola mill-vettura tal-imputat. (Fol 31). Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal hekk:

'Minn għalija kien qalilna li dawk huma tieħgu għall-użu personali.' (fol.32)

11. Fil-kontro-eżami li sar fit-30 t'April 2007, huwa qal li lill-imputat kienu waqqfuh fil-karozza tiegħu.u l-imputat kien qal li sejjer lejn id-dar. Ix-xhud ma ftakarx jekk kienx hemm xi persuna oħra fil-karozza tal-imputat.

12. WPC 89 Mariella Spiteri xehdet li kien twaqqaf Charles Muscat fejn l-Ice Arena. Saret tfittxija u nstabu 18-il pillola f'container tal-plastic ħdjen il-gear lever. Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li ien avveniment għaddej fl-ice arean. (Fol.38).

Xhieda Difiża

13. Barra l-kontro-eżami li għalih saret referenza fil-paragrafu 11, xehed ukoll Keith Scicluna (Fol 55 et). Hywa xehed li huwa kien jaħdem il-Corinthia San Ġorġ u wara li lesta mix-xogħol huwa kien ċempel lill-imputat li (a) kellu jmur sad-dar [1](b) kellu jgħaddi għax-xhud u (ċ) imbagħad kellhom jiltaqgħu ma' sħabhom. Huma u sejrin waqqfuhom il-Pulizija quddiem l-Eden Ice Arena. (Ara fol 56). Ma' sħabhom ma kienu ser jagħmlux xejn partikolari. Huma ma kellhomx biljetti biex jidħlu t-Trigger Party. Huma kienu ħdejn l-Ice Arena għaliex bilfors riedu jgħaddu minn hemm. L-imputat ġieli kien qlalu li kien jieħu l-ecstasy. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien qallu li kien sab xi pilloli bi prezz tajjeb li kienu tajbin għall-Milied u biex iżommhom għalih. (fol.60). Huwa ma kienx jaf għalfejn kienu sejrin ikunu fuq dak in-nhar. Kien qallu wkoll li kien ser iżommhom id-dar biex

**'ma joqgħodx jiġri bl-affarijiet'.**

[1] Din il-frażi ntqalet darbtejn a fol.56

14. Ix-xhud qal li ma kienx jaf għalfejn l-imputat kien ser jieqaf id-dar.

15. Wara l-inċident l-imputat kien baqa' f'kuntatt mal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

16. L-ewwelnett il-pussess sempliċi tal-ecstasy huwa ppruvat għaliex l-imputat ammetta li l-pilloli kienu tiegħu u forensikament kien ippruvat li dawn huma ecstasy. Barra dan huwa ammetta li l-aħħar darba li ien ħa ecstasy kien f'Awwissu tas-sena 2004- pussess li jaqa' fil-perjodu indikat fl-imputazzjoni.

17. Dwar il-pussess aggravat, ċirkustanza waħda hija biżżejjed jekk biha l-Qorti tkun persważa li l-pussess ma kienx intiż għall-imputat biss. (Ara fost l-oħrjan 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' (Qorti tal-Appell Kirminali (Inferjuri) Imħallef S.T.O. Dr.Vincent Degaetano) u fost l-aħħar deċiżjonijiet 'Il-Pulizija versus Martin Farrugia' tal-15 ta' Ottubru 2008- Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Imħallef Dr.David Scicluna fol.6).

18. Il-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(a) In-numru – 18-il pillola;

(b) Il-fatt li l-imputat kien barra fit-triq b'dan l-ammont;

(ċ) Il-fatt li għal tliet darbiet (ara x-xhieda mogħtija minn Keith Scicluna mtella' mid-difiża stess (fol.56 u 58)) li l-imputat l-ewwel mar id-dar [2]**u i**mbagħad rikkeb lil dan ix-xhud. **Jekk l-imputat l-ewwel mar id-dar, u jekk dawn il-pilloli kienu ntiżi għalih, kif ma ħallihomx id-dar qabel ma rikkeb lil dan ix-xhud?**

(d) Jekk l-imputat (u sieħbu) ma kinux sejrin il-party, jidhru li effettivament dawn kienu sejrin jiltaqgħu ma' sħabhom - skond ix-xhieda ta' Keith Scicluna. Għalhekk ma jfisser

[2] 'Qalli kemm immure sad-dar u ngħaddi għalik

xejn li ma nstabux biljetti għat-Trigger party. It-Tqassim tad-dorga mhux bilfors isir f'xi aprty.

(e) Jekk l-imputat l-aħħar li kien ħa ecstasy kien f'Awwissu tas-sena 2004- jiġifieri madwar tliet xhur qabel ma kien arrestat b'dan l-ammont - x'kellu bżonnu dan l-ammont kollu, imqar għall-Milied kif qal ix-xhud tad-difiża. Jekk l-imputat ma kienx ħa ecstasy fi tliet xhur ma jidhirx li hemm raġuni għal dan l-istocking up kollu u lanqas kellu għalfejn iħabbel rasu dwar prezz għax jekk wieħed juża ftit, it-tnaqqis fuq ammont limitat ma joħloq ebda interess finanzjarju.

(f) Fl-aħħarnett Ix-xhud tad-difiża ma affidabbli xejn f'għajnejn il-Qorti minħabba l-imġiba tiegħu minn fuq il-pedana tax-xhieda. Apparti mill-fatt li baqa' 'in contact' mal-imputat (ara fol.61) huwa qal dan il-kliem:

'Iva. Kien qalli bihom imma ma kontx naf li kienu ser ikunu fuqu dak in-nhar.'

Mela x-xhud kien jaf li l-imputat kien ser ikollu dak l-ammont kbir ta' pilloli fil-pussess tiegħu (tal-imputat) **qabel i**l-jum meta sar l-arrest.

**19. Isegwi li d-difiża ma ppruvatx il-linja difensjonali tagħha sal-livell ta' probabilita' għaliex il-Qorti ma tistax toqgħod fuq xhieda bħal din. Isegwi wkoll li l-imputat kien qed jiġri barra b'ammont sew ta' pilloli ecstasy f'ċikostanzi fejn kien ser jiltaqa' ma' persuni oħra (mhux bilfors f'party) u meta ma kienx xi drug addict (skond x'qal hu stess).**

20. Wara li l-Qorti wiżnet dan kollu, qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

**Konklużjoni**

21. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31 u –Tielet Skeda tal-istess Kap issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.[3]

22. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali nadifa u li lllum baqa' jistudja. Għaldaqstant qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' seba' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €600 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsa.

23. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas €328.55 (Lm141.01) ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. (Ħlas ta' espert wieħed li tqabbad fil-mor tal-kawża).

24. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Il-Qorti mhix issemmi aktar l-Artkolu 16 tal-Att V tal-1985 wara deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Dr.David Scicluna fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Micahel Borg)